MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 120/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Saliba**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali minn sentenza liberatorja, li titratta principalment dwar ir-reat ta’ vilipendju tar-religjon, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Marzu 2009.

**2.** Jonathan Saliba (bin Joseph u Carmen nee Curmi, imwieled fis-6 ta’ Settembru 1970, u detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 433270(m)) gie mharrek b’att ta’ citazzjoni (li jgib id-data 10 ta’ Marzu 2009) akkuzat talli fil-21 ta’ Frar 2009 ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin ta’ filghaxija, fi Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex, waqt il-“karnival

spontanju"[1] (**i**) b'gesti, jew le[2], jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta' Malta, inkella offenda r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon, u (**ii**) talli wkoll minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta' l-awtorita` kompetenti, libes abiti sagri (cioe` libes ta' soru).

**3.** Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2009 aktra 'l fuq imsemmija, illiberat lill-imsemmi Jonathan Saliba mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**4.** L-Avukat Generali – wara li saret id-debita nota mill-Pulizija Ezekuttiva skond ma jipprovdi l-Artikolu 414 tal-Kodici Kriminali – appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors ta' appell prezentat quddiem din il-Qorti fit-13 ta' April 2009. L-aggravju tieghu hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti "ghaddiet (ghad-decizjoni liberatorja taghha) wara li ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta jew inkompleta ta' l-artikolu 163 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta". Fi kliem iehor, l-Avukat Generali qed jirradika d-dritt ta' appell tieghu mhux a bazi ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kap 9 (u dan ghar-raguni ovvja li r-reat kontemplat fl-Artikolu 163 igorr piena massima ta' sitt xhur prigunerija, u ghalhekk huwa reat li jirrientra fil-kompetenza "originali" tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-Artikolu 370(1)), izda qed jibbaza l-appell tieghu fuq id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-imsemmi Kodici, kif din id-disposizzjoni giet interpretata matul is-snin minn din il-Qorti (u, qabilha, mill-Qorti Kriminali mata dik il-Qorti kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati). L-Avukat Generali qed jitlob li din il-Qorti

---

[1] Din hi l-espressjoni wzata fic-citazzjoni. Presumibbilment hemm xi differenza bejn "karnival spontanju" u "karnival organizzat"!

[2] L-Artikolu 163 tal-Kap. 9, li ghalih evidentement tirreferi l-imputazzjoni, jitkellem dwar "Kull min bi kliem, b'gesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz iehor vizibbli…". L-espressjoni "jew le" wahedha ma taghmilx sens; hija l-kitba li tista' tkun stampata jew le, izda ghall-gesti ma hemmx alternattiva bejn wahda jew xi hag'ohra.

tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat Saliba mit-tieni imputazzjoni, izda thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati ta' din l-ewwel imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**5.** Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2009, l-appellat, tramite l-abbili difensuri tieghu Dott. Ian Farrugia u Dott. Franco Galea, eccepixxa l-irritwalita` tar-rikors ta' appell tal-Avukat Generali peress illi, skond hu, is-sentenza appellata ma fiha ebda "interpretazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi" izda fiha "semplicement gudizzju jew apprezzament ta' fatt". Huwa evidenti li din il-Qorti trid l-ewwel tikkonsidra u tiddecidi din il-pregudizzjali.

**6.** Jibda biex jinghad li din il-kawza hija, tista tghid, identika ghal hamsa ohra[3] li wkoll ser jigu decizi llum, u li fihom kollha appella l-Avukat Generali bl-istess aggravju. Hemm varjazzjonijiet zghar f'xi akkuzi, fil-fatti u fil-lokuzzjoni adoperata mill-ewwel qorti fis-sentenza, pero` l-bazi tal-appell ta' l-Avukat Generali – l-enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi – hija l-istess fis-sitt appelli. U fil-hames appelli l-ohra wkoll, l-appellat (jew appellata, skond il-kaz) eccepixxa preliminarjament l-irritwalita` tar-rikors ta' appell tal-Avukat Generali.

**7.** Fil-kaz in dizamina, il-Qorti Inferjuri immotivat is-sentenza taghha hekk:

**"Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat kien liebes libsa sewda b'fardal abjad u maktur iswed bl-abjad li certament ma jammontawx ghal xi abiti sagri. Inoltre lanqas ma rrizulta illi l-imputat kien qieghed f'xi hin jaghmel xi gesti oxxeni jew li kien qed ikasbar ir-Religjon Kattolika. Jirrizulta illi lanqas kien liebes xi salib, kurcifiss jew xi oggett iehor konness mar-Religjon Kattolika. Kwindi l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati u l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi."**

---

[3] App. nru 121/09 **Il-Pulizija v. Lucio Scriha**; app. nru 122/**09 Il-Pulizija v. Daniel Seguna**; app. nru 123/09 **Il-Pulizija v. Wesly Zammit**; app. nru 124/09 **Il-Pulizija v. Elizabeth Ann Grech**; u app. nru 125/09 **Il-Pulizija v. Jennifer Busuttil**.

L-Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi ghax “ghamlet konfuzjoni bejn l-elementi” tad-diversi forom ta’ kif dan ir-reat jista’ jimmanifesta ruhhu. Din il-Qorti, fuq dan il-punt, ikollha taghti ragun lill-Avukat Generali. Mill-parti tas-sentenza hawn fuq riprodotta, huwa evidenti li l-ewwel qorti enfasizzat in-natura tal-ilbies li kien liebes l-appellat, allura imputat (haga li aktar kienet relevanti ghat-tieni imputazzjoni, li pero` dwarha l-Avukat Generali mhux qed jappella), u llimitat l-esposizzjoni taghha tal-ligi ghal dik il-parti tal-Artikolu 163 li jirreferi ghat-tkasbir, permezz ta’ “gesti oxxeni”, tar-Religjon Kattolika. Kif tajjeb osserva l-kompjant Imhallef William Harding fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta’ Jannar 1962 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Rokku Abdilla et**, id-disposizzjoni tal-ligi in kwistjoni, li allura kienet l-Artikolu 161, tikkontempla effettivament zewg reati: (**i**) dak ta’ min pubblikament ikasbar ossia jivvilifika (“publicly vilifies” fit-test Ingliz) ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, u dan permezz ta’ kliem, gesti, kitba, stampi jew b’xi mezz iehor vizibbli, u (**ii**) dak ta’ min joffendi l-imsemmija Religjon billi jivvilifika lil dawk li huma ta’ dik ir-religjon, jew lill-ministri taghha, jew jivvilifika oggetti ta’ devozzjoni ta’ dik ir-religjon, jew oggetti li jkunu kkonsagrati jew iddestinati biss ghad-devozzjoni ta’ dik ir-religjon. L-ewwel qorti kjarament qaghet ghad-dritt u qieset biss li, galadarba ma kienx hemm “abiti sagri” jew simboli konnessi mar-Relgjon Kattolika, u anqas ma kien hemm gesti oxxeni, allura ma setax ikun hemm htija skond l-imsemmi Artikolu 163. Din, kif inghad, hija enuncjazzjoni inkompleta tal-ipotesi tal-ligi, u allura l-Avukat Generali kellu dritt jappella, kif effettivament ghamel. Isegwi ghalhekk li l-eccezzjoni sollevata mill-appellat tal-irritwalita` tar-rikors tal-appell hija infondata u qed tigi respinta.

**8.** Mid-deposizzjonijiet moghtija quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-22 ta’ Mejju 2009, jirrizulta li l-appellat (li fiz-zmien tal-allegat reat kellu, bhalma kellu meta deher quddiem din il-Qorti fl-imsemmija udjenza, kemm id-daqna kif ukoll xaghru twil!) kien liebes ta’ soru, fis sens li kellu libsa twila sewda li kienet tasal sal-ghaksa, bil-bicca ta’

madwar l-ghonq bajda, "u bicca ohra sewda mar-ras u bl-abjad maghha." La kien liebes xi simbolu religjuz u anqas ma jirrizulta li kien qed jaghmel xi haga partikolari. Issa huwa risaput li fil-karnival jintlibsu kostumi. Il-fatt biss u wahdu li wiehed, fiz-zmien tal-karnival, jilbes libsa ta' soru ma jistax ragjonevolment jitqies li b'hekk dak li jkun ikun qieghed "pubblikament jivvilifika" ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana. Apparti li hemm religjonijiet ohra fejn sorijiet jilbsu abiti simili (ez. fil-knejjes Protestanti u dawk Ortodossi), il-kelma "tkasbar" ("vilifies" bl-Ingliz, jew "vilipendere" bit-Taljan) tfisser, kif gustament josserva l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu[4], ferm aktar milli semplicement wiehed jurta s-sensibilita` ta' dak li jkun. Li tkasbar jew tivvilifika tfisser li turi disprezz fi grad gholi, u neccessarjament jimplika li dak li jkun ikollu proprju l-intenzjoni specifika li hekk jiddisprezza f'dak il-grad. Fi kliem Francesco Antolisei, *"Vilipendere...significa mostrare di tenere in vile, e, piu` precisamente, esporre con manifestazioni oltraggiose al ludibrio e allo scherno: insomma al disprezzo. Quantunque di regola si estrinsechi con parole (ingiurie volgari e grossolane, contumelie, ecc.) il vilipendio puo` palesarsi con scritti, con disegni ed anche con atti o gesti oltraggiosi."* [5] Anqas jista' dan is-semplici fatt, biss u wahdu, cioe` li wiehed jilbes libsa ta' soru, jammonta ghal tkasbir jew vilifika ta' dawk li huma membri tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana (b'tali mod li, permezz tat-tkasbir taghhom, tkun qed tigi offiza l-istess Religjon). Huwa veru li f'dan il-kaz l-appellat, apparti li kien liebes ta' soru, kien ukoll bid-daqna, pero` dan il-fatt – bhalma anke l-fatt li wiehed jilbes ta' soru fil-karnival – ghalkemm jista' jitqies, bhalma din il-Qorti certament tqisu, *in very bad taste*, ma jammontax fih innifsu ghal vilipendju. S'intendi, is-sitwazzjoni tista' tkun differenti jekk, apparti l-ilbies, ikun hemm cirkostanzi ta' fatti, gesti, kliem, ecc li oggettivament iwasslu ghal sitwazzjoni ta' tkasbir. U, biex wiehed jikkonkludi, li wiehed jilbes ta' soru *sic et simpliciter*, anqas ma jammonta ghal vilifika tal-ministri

---

[4] "Hemm differenza sostanzjali bejn persuna li tkasbar u persuna li toffendi. Tkasbir huwa livell oghla minn toffendi."

[5] Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II** Giuffre` Editore (Milano), 1986, p. 699.

tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, jew vilifika taloggetti ta’ devozzjoni, jew ta’ oggetti kkonsagrati jew iddestinati biss ghad-devozzjoni. Il-ministri tar-Religjon huma dawk li, skond ir-regoli tad-Dritt Kanoniku, huma investiti b’mod permanenti bil-funzjoni ta’ karattru sacerdotali jew li ghandhom is-setgha li jwettqu atti specifici tal-kult jew liturgici (bhalmu huma d-djakni). Certament soru ma tikkwalifikax f’dan is-sens bhala ministru tar-religjon. Kwantu ghal oggetti ta’ devozzjoni, dawn huma dawk li l-membri tar-Religjon Kattolika jaduraw jew jivveneraw skond il-kaz, bhalma huma l-Ostja kkonsagrata, il-Kurcifiss, statwi jew ikoni, ecc. Oggetti ikkonsagrati ghad-devozzjoni huma dawk l-affarijiet li jkunu gew imbierka u ddestinati ghal funzjonijiet religjuzi, bhalma huma l-knejjes u l-altari; filwaqt li oggetti “ddestinati biss” (“necessarily destined”, fit-test Ingliz) ghad-devozzjoni tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana huma dawk l-oggetti kollha, anke jekk mhux imbierka, li minghajrhom wiehed ma jistax iwettaq l-atti liturgici jew ritwali, bhlama huma l-missali, il-paramenti tal-quddies, il-pissidi, l-ostensorju ecc. Il-libsa ta’ soru, bhalma anke, wara kollox, *l’abito talare* jew *l’abito piano* li jintlibsu minn sacerdoti u minn prelati, ma taqax f’dawn il-kategoriji.

**9.** Ghal dawn il-motivi, u ghalhekk mhux neccessarjament ghall-motivi moghtija mill-Qorti Inferjuri fis-sentenza taghha, din il-Qorti tara li, fil-meritu, l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellat ma gietx pruvata.

**10.** Konsegwentement din il-Qorti, prevja r-rigett talpregudizzjali sollevata mill-appellat, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------